KUNSILL LOKALI BORMLA LOCAL COUNCIL
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 01/2024

11 ta' Jannar 2024

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Marco Agius | – Sindku |
| Noyah Spiteri Hammett | – Vici-Sindku |
| Johann Scerri | – Kunsillier |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| James Cauchi | - Kunsillier |
| Melanie Agius | - Kunsilliera |
| Rita Gatt | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Marco Agius ,Sindku,  ippresjediet il-laqgħa

### 01.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

01.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologija.

### 01.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

01.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 14/2023 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għaldaqstant gew meqjusa bħala moqrija.

01.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Rita Gatt issekondata mis-Sur Johann Scerri  il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

01.2.3 Is-Sindku u Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

**01.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

01.3.1 Is-Sindku informa lill-membri tal-Kunsill prezenti illi hekk kif ippjanat kienet inzammet attivita' kongunta bejn il-Kunsilli Lokali tal-Kottonera lejliet l-ewwel tas-sena. Filwaqt li rringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod ippartecipaw, is-Sindku sahaq illi l-attivita' kienet ta' success kbir.

**1.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

1.4.1 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : "Tista' ssir traffic calmer fi Triq San Nikola biswit grawnds Peppi Delceppo?".
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb: "Jekk ma jkunx hemm oggezzjoni, ser tkun qieghda tigi sottomessa applikazzjoni ma' l-awtorita' rispettiva u jekk jinhareg il-permess tigi installata traffic calmer".

1.4.2 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : 'Jista' l-Kunsill Lokali jigi aggornat dwar sinjali tat-traffiku li kien hemm talba li jigu rrangati fi Triq San Frangisk?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Ser inkunu qieghdin nitolbu laqgha mas-Supretendent tad-Distrett dwar il-materja'.

1.4.3 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa : 'Jista' l-Kunsill Lokali jigi aggornat dwar proposta ta' dawl ma belisha lights fi Triq Dom Mintoff?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Ser inkunu qieghdin inqabbdu kuntrattur sabiex jaghmel ix-xogholijiet ghaliex il-process mal-entitajiet centrali kien qieghed jiehu fit-tul wisq'.

1.4.4 Il-Kunsillier Johann Scerri staqsa : 'Jista' l-Kunsill Lokali jiehu hsieb illi jsir iffriskar ta' sinjali tat-traffiku fiz-zona tal-ghassa tal-pulizija?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Ser inkunu qieghdin inqabbdu kuntrattu jaghmel ix-xogholijiet'.

1.4.5 Il-Kunsillier Johann Scerri staqsa : 'Jista' l-Kunsill Lokali jigi aggornat dwar trinka li kienet qieghda ssir fi Triq San Nikola?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'Minn informazzjoni li ghandu l-Kunsill Lokali ix-xogholijiet qieghdin isiru minn Enemalta. Qieghed jigi vverifikat jekk ix-xogholijiet humiex koperti bil-permessi mehtiega'.

1.4.6 Il-Kunsillier Johann staqsa : 'Jista' l-Kunsill Lokali jara illi ssir traffic calmer fi Triq San Gwann t'Ghuxa kantuniera ma' Triq Carmelo Mifsud Bonnici?'
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb : 'L-imsemmija traffic calmer kienet saret fil-passat u kellha titnehha minhabba problemi li kienet qalghet'.

F'dan l-istadju dahal ghas-seduta il-Kunsillier James Cauchi ( 17:55)

**1.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet**

1.5.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru10/22) ghall-approvazzjoni.

1.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Rita Gatt ssekondata mis-Sur James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

1.5.3 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' petty cash mahrug waqt ix-xhur ta' Dicembru 2023.

1.5.4 Fuq proposta tas-Sur James Cauchi ssekondata Sa. Rita Gatt, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' petty cash li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti ( Dok B)

F'dan l-istadju dahlet ghas-seduta is-Sinjura Noyah Spiteri Hammett (18:10)

**1.6 Sejhiet ghall-offerti**

1.6.1 Is-Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill evaluation report ghal sejha ghall-offerti numri KLBO06/2023 - Tender for the embellishment of the existing garden at Triq San Gwann, Bormla. Wara li l-Kunsillliera inghataw dettalji tal-pfferti li kienu waslu, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord u jaggudika s-sejha ghall- offerti lil Urban Play Solutions bl-ammont tal-offerta tkun ta' €19 002.50.

1.6.2 Is- Sindku ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill evaluation report ghal sejha ghall-offerti numri KLBO04/2023 - Tender for the professional services of a contracts manager at the Bormla Local Council. Wara li l-Kunsillliera inghataw dettalji tal-pfferti li kienu waslu, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jilqa' r-rakkomandazzjoni tal-bord u jaggudika s-sejha ghall- offerti lil Marlon Schembri bl-ammont tal-offerta tkun ta' €40 000.

1.6.3 Kien hemm diskussjoni libera li matulha l-Kunsill lokali ddiskuta l-possibilita' illi jigu installati fanali ornamentali fi Triq il-Pellegrinagg, biswit iz-zuntier u biswit il-monument tal-gwerra. Kien hemm qbil illi kellha ssir analizi tas-suq u jigi abbozzat dokument biex kemm il-darba jkun possibbli tinhareg sejha ghall-offerti ghax-xogholijiet. Hekk kif diskuss f'seduti precedenti, kellha wkoll tinhareg sejha ghall-offerti ghal installazzjoni ta' numru ta' fanali ornamentali godda fiz-zona ta' Verdala Barracks.

F'dan l-istadju hareg mis-Seduta il-Kunsillier Martin Vella (18:19)

**1.7 Rapporti**

1.7.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien qieghed jigi ppajnat illi tinzamm l-ikla annwali tal-Milied nhar id-19 ta' Jannar 2024. Segwiet diskussjoni libera li matulha gie diskuss u stabbilit il-post fejn kellha tinzamm l-istess ikla.

F'dan l-istadju dahal ghas-seduta il-Kunsillier Martin Vella ( 18:40) u harget mis-Seduta il-Kunsilliera Melanie Agius ( 18:42)

1.7.2 Hekk kif diskuss fis-sedutra precedenti il-perit tal-Kunsill Lokali gie mqabbad jigbor informazzjoni rigward applikazzjonijiet ghall-izvilupp bin-numru PA/03203/23 u PA/05889/17. L-istess perit kien ghamel hidmietu u pprezenta fuq dokumentazzjoni li giet intavolata fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsilliera gew mgharrfa bid-dettalji

1.7.2 Is-Sindku ressaq rapport dwar korrispondenza li kienet waslet u li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jorganizza korsijiet ta' pilates ghar-residenti u juza s-servizzi tal-orhos ghalliema fost it-tliet stimi ghas-servizz li kienu ingabru.
- Kien hemm qbil illi kellha tingabar aktar informazzjoni b'konnessjoni ma' korrispondenza li kienet waslet minghand il-fondazzjoni ghall-konservazzjoni tan-nahla Maltija.
- Wara li inqrat korrispondenza tal-Kunsilliera Rita Gatt, il-Kunsill Lokali qabel illi kellha ssir attivita' kongunta b'konnessjoni mal-karnival 2024, liema attivita' kellha tinzamm nhar id-9 ta' Frar 2024.
- Il-Kunsill Lokali qabel u kkommetta ruhu li jikkollabora f'attivita' ta' gbir ta' fondi li kienet ser tittella fil-lokalita' nhar is-27 ta' Jannar 2024.

- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'ringrazzjament li kien wasal f'isem ic-Chinese Medical Team of Corradino Clinic ghall-ghajnuna li kienu sabu mill-Kunsill Lokali.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi s-Sindku kellu jkun prezenti ghall-assemblea annwali ta' Focus Europe, organizzazzjoni li fiha l-istess Kunsill Lokali kien issieheb matul l-2023.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellhom jinxtraw bnadar ta-karnival ghal spiza ta' €855.00
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi kien hemm total ta' €50 000 disponibbli ghal-lokalita' ta' Bormla taht l-iskema sebbah il-lokal varata mill-awtorita' tal-Ippjanar.
- Wara li inqraw zewg applikazzjonijiet li kienu waslu, kien hemm qbil mill-Kunsilliera prezenti illi ma kelliex tigi milqugha talba ghal un/loading bay fi Triq l-Inkoronazzjoni u kellhom jintalbu aktar dettalji b'konnessjoni ma' talba ghal communal reserved bay fi Triq l-Iljun.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi talba ghal un/loading bay li kiene waslet ghal Triq Alessandra ma kelliex tigi miqlugha.

**1.8 Performance Appraisal tas-Segretarju Ezekuttiv**

1.8.1 Is-Sindku pogga fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali *performace appraisal report* ghas-Segretarju Ezekuttiv ghas-sena 2023. Is- Sindku sahaq illi wara li kienet iddiskutiet il-hidma tas-Sur Hall, kien qieghed jirrakkomanda illi huwa jinghata l-massimu ta' 10% bhala *performance bonus*.

Fuq proposta tas-Sur Martin Vellaissekondata mill-Kunsillier Johann Scerri kien hemm qbil illi kellha ssir rakkomandazzjoni sabiex is-Sur Hall jinghata 10% bhala performance bonus.

**1.9 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

1.9 Is-seduta giet fi tmiemha fl-20:19.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghat-15 ta' Frar 2023 fis-5:30 p.m.

Konfermati, illum 15 ta' Frar, 2024

| | |
|---|---|
| *IFFIRMATA* | *IFFIRMATA* |
| ____________________ | ________________________ |
| **Marco Agius** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |